# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2019**

**Kawża Numru 6**

**Appell Numru 849/18GM**

**Fl-Atti tar-Rikors tas-16 ta' Awwissu, 2018, għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 1278/18GCD maħruġ fid-9 ta' Awwissu, 2018, fl-ismijiet:**

**Fabrizio Pirello**[1]

**vs**

**Bare Sport Europe Limited (C – 21522) ġjà Fitzwright Europe Ltd (C – 21522/42)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-soċjetà Bare Sport Europe Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sekwestrata eżekutata")

[1] Fl-atti tal-mandat il-kunjom tar-rikorrent huwa mniżżel bħala "Pirrello"

minn provvediment mogħti *in camera* mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talbiet kollha magħmulin mill-istess eżekutata b'rikors tagħha tas-16 ta' Awwissu, 2018, li fih talbet li dik il-Qorti (i) tirrevoka *contrario imperio* d-degriet tagħha tad-9 ta' Awwissu, 2018, li permezz tiegħu laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub mis-sekwestrant eekutant (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-intimat eżekutant") u b'hekk tħassar l-imsemmi Mandat; (ii) tiddikjara null u mingħajr effett kull konsegwenza tal-Mandat maħruġ; (iii) tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat jekk ikun il-każ; (iv) tordna l-iżbank favur l-esponenti ta' kull ammont depożitat in segwitu tal-ħruġ tal-Mandat; (v) tillikwida ammont ta' danni kkaġunati lis-soċjetà esponenti; (vi) tordna illi s-sekwestrant iħallas id-danni hekk illikwidati lill-esponent entro terminu li għandu jiġi stabbilit mil-Qorti; u (vvI) tordna l-ħlas tal-imgħax dovut fuq id-danni hekk likwidati skont l-artikolu 279 tal-Kap 12;

2. B'rikors imressaq minnha fl-24 ta' Ottubru, 2018, s-sekwestrata eżekutata talbet li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka l-imsemmi provvediment tal-ewwel Qorti għaliex "mogħtija bi ksur tal-liġi kif ċitat u kif ukoll bi ksur tal-prinċipju bażilari ta' *audi alteram partem* u tirrinvija l-atti lill-ewwel qorti, diversament

presjeduta, u dan sabiex tiġi mħarsa u applikata l-proċedura appożita billi jinstemgħu l-partijiet u kwalunkwe xhieda skont il-liġi, u fl-istess ħin jiġi salvagwardjat id-dritt għal smiegħ xieraq u l-prinċipju tad-dritt msemmi li kull parti f'proċess ġudizzjarju għandha tgawdi";

3. Il-provvediment li minnu l-eżekutata qiegħda tappella jgħid hekk:

> *"Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutata fil-26 t'Awwissu 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet lil din il-Qorti tħassar il Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikoli 279 u 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *"Rat id-digriet tagħha tal-24 t'Awwissu 2018, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutant bi żmien jumejn biex iwieġeb;*
>
> *"Rat it-Tweġiba tal-eżekutant tal-5 t'Ottubru 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin qal li t-talbiet tal-eżekutata ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex huma bla bażi fattwali u legali;*
>
> *"Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;*
>
> *"Ikkunsidrat:*
>
> *"Illi l-mandat de quo inħareġ in forza tar-Regolament (EU) 1215/2012 in eżekuzzjoni ta' sentenza 58/2016 mit-Tribunal tal-Reggio Calabria tat-12.01.2016 reża eżegwibbli b'sentenza tat-25.01.2016. L-eżekutat isostni li r-Regolament japplika biss "għal sentenzi ta' qrati esteri f'każijiet li nbdew wara l-10 ta' Jannar 2015" iżda l-kawża li wasslet għas-sentenza msemmija bdiet fit-28 t'Ottubru 2004 u għalhekk għandha tapplika l-proċedura li kienet fis-seħħ qabel. L-eżekutata tiċċita in sostenn l-Art. 66 tal-istess Regolament. Li jfisser, jekk tiġi aċċettata din is-sottomissjoni, li l-mandat ma setax isir qabel ma jsir rikors skont l-Art. 826 tal-Kap 12 b'talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni tagħha;*
>
> *"Illi l-imsemmi Art. 66(1) jgħid li r-Regolament "għandu japplika biss għal proċedimenti legali istitwiti, għal strumenti awtentiċi mfassla jew*

*irreġistrati formalment u għal tranżazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi fid-data jew wara l-10 ta' Jannar 2015". Li jfisser li r-Regolament, li għandu applikabilita` diretta fl-ordni ġuridiku Malti*[2]*, japplika għal sentenzi ppronunzjati wara dik id-data anke jekk il-proċeduri jkunu nbdew qabel, u jissupera lill-Art. 826 – kif wara kollox jipprovdi espressament l-Art. 825A, biex ineħħi kull dubbju li qatt seta' jkun hemm. Dan ifisser li japplika l-Art. 39 tar-Regolament li jistatwixxi li "Sentenza mogħtija fi Stat Membru li hija eżegwibbli f'dak l-Istat Membru għandha tkun eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta' eżegwibilita`". Għalhekk il-mandat inħareġ b'mod korrett skont il-proċedura.*

*"Illi l-eżekutat jagħti raġuni oħra l-għala l-mandat m'għandux jiġi esegwit: illi ma ngħatax smiegħ xieraq quddiem il-Qorti Taljana. Din ir-raġuni iżda hija inammissibbli f'din il-proċedura, billi l-Art. 52 tar-Regolament jagħmar bl-iktar mod skjett u perentorju li "taħt l-ebda ċirkostanzi, ma tista' tiġi riveduta sentenza mogħtija fi Stat Membru fir-rigward tal-mertu tagħha fl-Istat Membru indirizzat".*

*"Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad it-talbiet kollha tas-sekwestrant* [*recte: s-sekwestrat*] *bl-ispejjez a kariku tiegħu.*

*"Mogħti kameralment illum 15 t'Ottubru 2018*";

4. L-intimat eżekutant laqa' għall-appell tas-sekwestrata eżekutata bi Tweġiba mressqa fid-9 ta' Novembru, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, beda biex qal li l-appell ma kienx jiswa u żied jgħid li l-ebda waħda mir-raġunijiet imsemmija mill-istess appellanti ma kienet tajba biex din il-Qorti tilqa' t-talba tagħha u tħassar il-provvediment appellat;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta' Marzu, 2019;

[2] Ara Art. 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap 460 tal-Liġijiet ta' Malta

6. Rat l-atti kollha tar-Rikors għall-ħruġ tal-Kontro-Mandat;

7. Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi din hija proċedura għat-tħassir ta' att eżekuttiv. Is-sekwestrata eżekutata ressqet talba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-finijiet tal-artikoli 279 u 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien inħareġ Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv kontra tagħha fuq talba tal-intimat sekwestrant biex jeżegwixxi f'Malta titolu eżekuttiv (sentenza) miksub favurih kontra l-eżekutata minn qorti fl-Italja;

9. Illi l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tas-sekwestrata eżekutata biex tħassar il-Mandat u biex tordna lill-intimat eżekutant iħallasha d-danni għall-ħruġ tal-istess. Minħabba f'hekk, l-eżekutata appellat mill-imsemmi provvediment għal quddiem din il-Qorti;

10. Illi fl-aggravji tagħha għall-provvediment appellat, is-sekwestrata eżekutata tgħid li l-ewwel Qorti naqset li tħares il-liġi u ma żammitx smigħ biex tisma' x'kellhom xi jgħidulha l-partijiet

qabel ma għaddiet biex tagħti l-imsemmi provvediment. Minbarra dan, iżżid tgħid li l-għoti nnifsu tal-provvediment ma kienx iħares il-liġi għaliex ingħata kameralment u mhux fil-miftuħ, b'mod li ġabilha ħsara għall-jedd tagħha ta' smigħ xieraq;

11. Illi l-intimat eżekutant iwarrab dawn l-aggravji u jisħaq li l-ħruġ tal-Mandat sar sewwa u b'ħarsien tal-liġi u li ma hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti jmissha tħassar il-provvediment appellat;

12. Illi din il-Qorti jidhrilha li għandha ttenni li fil-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-Mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[3]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra. Ta' min iżid jgħid ukoll li dan ir-rimedju ma jingħatax biss lil min kontra tiegħu jkun inħareġ Mandat bħal dak, iżda wkoll lil "xi

[3] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)

persuna oħra interessata". Dak li huwa tassew meħtieġ li jintwera minn min jinqeda bi proċedura bħal din hu l-eżistenza ta' "raġuni valida skond il-liġi";

13. Illi fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, il-Qorti li quddiemha ssir it-talba għat-tħassir tal-**att** eżekuttiv ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-**titolu** eżekuttiv li jkun. Għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xiħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

14. Illi l-Qorti tqis li talba għat-tħassir ta' att eżekuttiv taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi m'għandha bl-ebda mod tinbidel f'talba biex tqis is-siwi tat-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu jintalab il-ħruġ ta' att eżekuttiv. Il-liġi tagħti rimedju ieħor safejn wieħed jista' jattakka s-siwi ta' titolu eżekuttiv, li mhuwiex ir-rimedju proċedurali taħt l-

imsemmi artikolu 281;

15. Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel aggravju** tas-sekwestrata eżekutata, hija tilminta li l-ewwel Qorti ma appuntatx ir-rikors tagħha għal smigħ. Hija tgħid li l-liġi titlob espressament li Qorti li quddiemha tkun tressqet talba għat-tħassir, għal kollox jew f'parti, ta' Mandat eżekuttiv, trid iżżomm smigħ biex tagħti lill-partijiet l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom taħt ir-regola tal-ħaqq naturali li l-Qorti għandha tisma' lill-partijiet kollha qabel tiddeċiedi l-kwestjoni;

16. Illi l-intimat eżekutant jikkontesta dan l-aggravju u jgħid li mkien mil-liġi ma joħroġ li fi proċedura bħal din irid isir smigħ bil-miftuħ qabel ma qorti taqta' dwar talba li ssirilha taħt l-artikolu 281;

17. Illi din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb. L-artikolu msemmi jagħti lill-Qorti li quddiemha titressaq talba għat-tħassir ta' att eżekuttiv id-diskrezzjoni li ssejjaħ smigħ bil-miftuħ tal-partijiet involuti jew milquta bil-ħruġ ta' att eżekuttiv bħal dak. Il-liġi ma torbotx lil dik il-Qorti[4]. Il-partijiet "jinstemgħu" xorta waħda wkoll jekk ma jidhrux fi smigħ. Il-prinċipju tal-'*audi et alteram partem*'

[4] Ara App. Ċiv. **31.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Building Finishes Ltd vs Scala Developments Ltd***

jitħares ukoll billi qorti tagħti lill-partijiet involuti l-opportunità li jressqu quddiemha s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-każ b'kull mod li jkun u mbasta li kulħadd jingħata l-istess opportunità;

18. Illi fil-każ tallum, l-ewwel Qorti tat lill-partijiet din l-opportunità u, qabel ma tat il-provvediment appellat, kellha quddiemha s-sottomissjonijiet tagħhom li fuqhom jidher li waslet għall-fehma tagħha;

19. Illi t-**tieni aggravju** tas-soċjetà eżekutata huwa li l-provvediment appellat ma ngħatax mill-ewwel Qorti bil-miftuħ, imma ngħata kameralment u għalhekk bi ksur tad-dispożizzjonijiet tassattivi tal-artikolu 281(4) tal-Kapitolu 12, bla ma sar l-ebda tentattiv min-naħa tal-istess Qorti li tinnotifikaha bl-imsemmi provvediment;

20. Illi l-intimat eżekutant iwarrab ukoll dan l-aggravju billi jgħid li l-appellanti qiegħda tagħti tifsir tal-liġi li ma jeżistix u li l-aggravju mhuwa bl-ebda mod mistħoqq;

21. Illi l-Qorti ssib li dan l-aggravju wkoll mhuwiex mistħoqq. Il-provvediment appellat ingħata kameralment, imma dan ma

jnaqqas xejn mis-siwi tiegħu. Huwa rilevanti li jingħad li t-talba għat-tħassir tal-Mandat saret mis-soċjetà eżekutata f'Awwissu, jiġifieri fiż-żmien meta l-Qorti ma żżommx seduti minħabba l-ferjat. Minbarra dan, din il-Qorti kellha okkażjonijiet oħrajn fejn sabet li provvediment li jingħata kameralment taħt din il-proċedura ma jkunx null jew bla siwi għax ma jkunx ingħata fil-qorti bil-miftuħ[5]. Id-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (4) tal-artikolu 281 huma maħsuba biex jirregolaw l-appell minn provvediment bħal dak imma mhux is-siwi tiegħu;

22. Illi għalhekk lanqas dan l-aggravju tas-soċjetà eżekutata ma jixraq jintlaqa';

23. Illi għal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni tal-intimat eżekutant dwar is-**siwi tal-appell** imressaq mis-soċjetà eżekutata, din il-Qorti jidhrilha li ma hemm l-ebda irritwalità fl-appell imressaq mill-istess eżekutata u lanqas li dan imissu tressaq biss wara li l-ewwel Qorti tintalab tagħti l-provvediment fil-Qorti bil-miftuħ. Wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh li din il-proċedura hija maħsuba li titmexxa b'ħeffa u bla tfettiq żejjed sewwasew għaliex hija marbuta mal-fażi ta' eżekuzzjoni ta' titolu eżegwibbbli, liema eżekuzzjoni ma

[5] Ara App. Ċiv. **3.2.2012** fl-atti tar-rikors għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fl-ismijiet ***Sylvia Enriquez vs Francis Enriquez***

għandhiex tiddewwem jew tixxekkel bla bżonn;

24. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tasal għall-fehma li s-soċjetà sekwestrata eżekutata ma tatha l-ebda raġuni tajba għaliex għandha tħassar il-provvediment appellat u biex, minflok, tilqa' t-talbiet dedotti mill-istess appellanti, bla ħsara għall-jedd tagħha li tieħu kull rimedju ieħor xieraq biex tħares il-jeddijiet tagħha;

***Decide:***

25. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tas-soċjetà sekwestrata eżekutata għaliex mhuwiex fondat fil-fatt u fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra l-istess eżekutata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm